**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

# GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 11 ta' Settembru, 2001

**Numru 4**

**Avviz. numru 29/01JR**

**Allied Insurance Agency Ltd.**

**vs**

**Caroline Debono**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Jannar, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija u ghaxar liri Maltin tlieta u erbghin centezmu (Lm110.43), ammont li l-konvenuta, assigurata mas-socjeta` attrici, naqset li thallas, bilanc dovut ghall-premia fuq poloz t'assigurazzjoni mahruga mis-socjeta` attrici fuq inkarigu ta' l-istess konvenuta.**

**Billi nonostante debitament interpellata biex thallas dan l-ammont il-konvenuta baqghet inadempjenti. Bl-ispejjez, inkluzi ta' l-ittra ufficjali datata t-28 ta' Settembru, 2000, u bl-imghax legali sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma dehritx u lanqas ma pprezentat risposta fir-rigward.**

**Semgha x-xhieda ta' Stephen Camilleri, Financial Controller tas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont intier ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u ghaxar liri Maltin tlieta u erbghin centezmu (Lm110.43), bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Settembru, 2000, sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Settembru, 2000, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**